ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 35/2012**
***Kienet addottata Aġenda nru. 30/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 6 ta' Novembru 2012**

**Ħin: Fis-1.30 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 34/2012

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 34/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 34/2012

Dwar ir-*reserved parking bay* li kien tneħħa minn quddiem ir-residenza nru. 6, Triq l-Isqof Pace, iċ-Chairperson qalet infurmata li meta s-Sur Reuben Said ċemplilha dwar dan il-*bay* partikulari, fil-preżenza ta' Victor Attard fl-uffiċini ta' Transport Malta, Said semma l-konversazzjoni li kellu magħha fuq il-*loud speaker* biex Attard jisma' x' kellha xi tgħid dwar dan il-*bay*. Iċ-Chairperson qalet li kienet ser tara dwar din il-biċċa xogħol għax dawn l-affarijiet ma jistgħux isiru.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Memo 38/2012 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Iskema inizjattivi ta' attivitajiet 2012 / 2013. Il-Kumitat qabel li japplika għal attivita' fil-lokalita' minn din l-Iskema u ddeċieda li jiltaqa' l-Ħamis 15 ta' Novembru fit-3.30pm biex jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tiegħu.

Ittra mibgħuta minn Blues Ltd dwar mapep tal-villaġġi u għamara u tabelli tat-toroq li jistgħu joffru lill-lokalita' tagħna. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li l-Kunsill Lokali għandu jiltaqa' ma' rappreżentanti ta' Blues Ltd biex jara din il-Kumpanija x' tista' toffri lill-lokalita'.

Ittra mibgħuta minn Transport Malta dwar applikazzjoni għal *reserved parking bay* ta' Spiridione Gauci ta' 'Aries Blk', Flt 4, Triq is-Sajjied. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għal din l-applikazzjoni.

Ittra ta' James Said fejn talab il-permess tal-Kunsill Lokali biex jarma l-*bumping cars* fil-*car park* mis-17 ta' Ġunju sat-8 ta' Settembru 2013. Korrispondenza se tkun diskussa f' seduta oħra tal-Kumitat.

Ittra mibgħuta mir-Rettur tal-Knisja San Pawl Marsalforn dwar il-festa ta' San Pawl f' Marsalforn. Il-Kumitat talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tagħmel kuntatt mar-Rettur u titolbu jindirizza l-ittra tiegħu lill-Kumitat Amministrattiv u mhux lill-Kunsill Lokali.

Komunikat ta' Pierre Demicoli dwar l-istat li fih tinsab Triq is-Salini.

Petizzjoni minn sidien ta' garaxxijiet fi Triq il-Wied biex isiru *double yellow lines* quddiem il-garaxxijiet tagħhom. Ittra ta' Transport Malta bi tweġiba għal din il-petizzjoni.

Ittra mibgħuta mill-Lukanda Calypso fejn talbu biex isir *loading / unloading bay* fuq wara tal-lukanda fi Triq Għar Qawqla. It-talba kienet approvata mill-Kumitat.

Ittra mibgħuta minn Anthony Azzopardi dwar ħajt u xatba li saru mis-sidien tal-Lukanda Calypso fi Triq is-Sajjied.

## 5. MILIED 2012

B' rabta mal-festi tal-Milied u tal-ewwel tas-sena, il-Kumitat Amministrattiv qabel li:

- tintrama kif soltu jsir is-siġra ta' maġenb il-Knisja ta' San Pawl.
- jintalbu kwotazzjonijiet għal tiżjin bi dwal dekorattiv fi Pjazza San Pawl u Triq l-Isqof Pace. It-tiżjin jiżżarma wara l-4 ta' Frar 2013.
- issir talba lil Environmental Landscape Consortium biex iżejjnu bi dwal tal-Milied is-siġra tal-awrikarja fid-daħla ta' Marsalforn, isiru fiġuri bi dwal bħal ma kien sar il-Milied li għadda fis-*soft area* tal-istess siġra u jinbidel il-kulur tad-dwal li kienu saru fis-*soft area*.

## 6. TRIQ ALTERNATTIVA GĦAL TRIQ GĦAR QAWQLA U TRIQ IX-XAGĦRA

Il-Viċi Chairman ippropona li għal meta jkun hemm Triq Għar Qawqla, Triq is-Sajjied u Triq ix-Xagħra magħluqa għat-traffiku, għandu jkun hemm aċċess alternattiv għal dawn it-toroq. Kien maqbul li għandha tintbagħat ittra lil Transport Malta u tkun ikkupjata lil Ministru għal Għawdex u l-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-proposta tal-Viċi Chairman.

Is-Sur Refalo rtira mill-Kamra tal-laqgħat.

## 7. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

KAM 36/2012 – Mary Sultana
Talbet biex isiru *pedestrian crossing* u żewġ *sleeping policemen* fi Triq il-Wied. It-talba kienet rifjutata.

KAM 39/2012 – il-Viċi Sindku Mario Cassar
Għandu talba biex jitranġa passaġġ qalb l-egħlieqi fil-limiti Ta' Kassja, passaġġ li jiżbokka fi Triq ir-Rabat. Ġie deċiż li ssir *site visit* miċ-Chairperson u l-bidwi li kellem lil Cassar.

KAM 40/2012 – Daniel Sultana
Titwaħħal tabella li turi l-isem tat-triq fil-bidu ta' Triq Lapsi. Il-Kumitat ftiehem li jekk dan is-sinjal m' għadux hemm, isir wieħed mill-ġdid.

**<u>Proposti miċ-Chairperson</u>**

- Jitranġaw il-konok (jitneħħa l-periklu) u dawk vojta jitħawwlu fi Triq il-Port, Misraħ M' Anġ Refalo u Triq Santa Marija. Ġie deċiż li ssir *site visit* mal-Perit.
- Isiru żewġ bandli fuq il-*promenade* tal-Qbajjar. Proposta se tkun kunsidrata mill-*budget* tas-sena d-dieħla.
- Terġa' titwaħħal mera tat-traffiku fi Triq il-Qbajjar faċċata ta' Triq il-Luzzu. Talba approvata.
- Isir *parking bay* għall-persuni b' diżabilita' f' kull triq ġewwa Marsalforn. Materja għad-diskussjoni f' seduta oħra.
- Isiru tabelli ta' direzzjoni li juru 'Victoria'. Il-Kumitat approva li jsiru żewġ sinjali ġodda.
- Manutenzjoni tal-pavimentar ta' Misraħ M' Anġ Refalo. Ser tintalab stima tax-xogħol lill-*handyman* tal-Kunsill.

## 8. <u>MATERJA OĦRA</u>

Il-Kumitat ftiehem li:

- jsiru gradi ġodda fi Triq il-Port; jagħmel ix-xogħol Michael Xerri.
- ssir *site visit* mal-Perit fi Triq il-Qbajjar, fejn qiegħed iżomm l-ilma tax-xita mal-post faċċata ta' fejn qed jibnu ta' Farrugia.
- jinbena ħajt ta' lqugħ fi Triq il-Wied ta' Marsalforn, fejn sar ix-xogħol tal-konkos (isir max-xogħol tal-konkos).
- titbaxxa l-kurduna tal-bankina quddiem garaxx fi Triq Barda.
- jitpoġġew erba' *skips on wheels* f' Marsalforn (Triq Santa Marija fejn jispiċċa l-bini ta' Emidio, Triq Għar Qawqla, Triq il-Qolla s-Safra fejn Jumbo Supermarket u Triq il-Qbajjar maġenb Herbees).

Is-Sindku ddikjara li hu kontra li nqalgħu s-slielem ta' Marsalforn.

## 9. <u>AĠĠORNAMENT</u>

Il-laqgħa ntemmet fil-5.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

| | |
|---|---|
| **Maria Saliba** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Chairperson*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |